**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 – IT-TNEJN, 29 TA' AWWISSU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:05 sal-22:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (wasal fis-19:16) |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier (waslet fis-19:05) |
| | Joseph Vella | Kunsillier (wasal fis-19:05 |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier (wasal fis-19:15) |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Paul Bugeja | Kunsillier *(raġunijiet ta' saħħa)* |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier *(raġunijiet ta' saħħa)* |
| | Robert Piscopo | Kunsillier *(raġunijiet personali)* |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier *(fuq qamar il-għasel)* |
| | Stephen Cremona | Kunsillier *(Imsiefer)* |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB *(Imsiefra)* |

*Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

1. **NUQQAS TA' QUORUM**

1.1. Fil-ħin li kienet imsejħa l-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku u l-Kunsillieri A Grima, Tabone u Bezzina. Għalhekk ma setgħetx tibda fil-ħin minħabba nuqqas ta' quorum.

1.2. Waslu l-Kunsillieri Vella, D Grima u Fenech fis-19:05 u għalhekk setgħet tibda l-laqgħa.

2. **APOLOĠIJI**

2.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Bugeja, Buhagiar, Piscopo, Barbara u Cremona kienu nfurmawh li ma setgħux jattendu. Kopji tal-emails annessi f'A. Is-Sindku infurmat li s-Sinj. Aquilina infurmatha li ma tistax tattendi għaliex tinsab imsiefra.

3. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

3.1. Kienu ppreżentati l-minuti li ġew meqjusa moqrija.

3.2. Il-Kunsillier Tabone ippropona li f'para. 2.2 jiddaħħal li, "fost il-punti li ssemmew il-Viċi Sindku qal li ma jistax ikun li kull darba tinġieb skuża bit-tfal għaliex tkun taf għal xiex ħarġet. Dwar din il-Kunsillier Tabone kien oġġezzjona." Din l-emenda m'għadditx b'żewġ voti favur (A Grima u Tabone) u l-kumplament (ħamsa) kontra.

3.3. Il-Kunsill qabel li jdahhal paragrafu bejn 2.2 u 2.3 li jghid "F'dan il-hin wasal il-Kunsillier Tabone". Dan il-paragrafu gie nnumerat 2.3 u b'rizultat il-paragrafi 2.3 u 2.4 inbidlu ghal 2.4 u 2.5 rispettivament.

3.4. F'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

3.5. Kien hemm qbil li paragrafu numru 5.17 jinbidel ghal 5.18 u qablu, bhala 5.17 jidhol paragrafu gdid "Wara d-decizjoni rega dahal is-Sur Tabone."

3.6. Kien hemm qbil ukoll li fl-ahhar ta' paragrafu 10.5 tizdied sentenza "Il-Kunsillier Tabone talab direzzjoni minghand id-Dipartiment."

3.7. Kien hemm qbil li jiddahhal paragrafu bejn il-paragrafi numri 12.6 u 12.7 li jghid "Il-Kunsillier Fenech tablet li ghandu jkun iccekkjat il-kuntratt tal-Blue Waters (tal-garaxxijiet).

3.8. Wara konsiderazzjoni l-minuti ġew approvati kif emendati.

4. **PUNTI MILL-MINUTI**

4.1. Is-Sindku infurmat li dwar il-latrini kienet irċeviet tliet stejjem differenti mingħand CSD, skond it-tip ta' servizz li jiġi mitlub. F'dan il-ħin il-Kunsillier A Grima ddikjara konflitt ta' interess minħabba li jaħdem ma' CSD u għalhekk ħareġ mil-laqgħa.

4.2. Is-Sindku infurmat li t-tindif bil-ħaddiema tal-Kunsill sejjer tajjeb ħafna u pproponiet li nkomplu nagħmlu s-servizz bil-ħaddiema sakemm jiġi mogħti kuntratt ġdid. Il-Kunsill qabel.

4.3. Isejjaħ mill-ġdid il-Kunsillier A Grima u reġa daħal għal-laqgħa.

4.4. Il-Kunsillier Vella staqsa dwar para. 5.1 (dwar AED). Is-Sindku infurmatu li fil-jiem li ġejjin kien ser ikollha laqgħa mal-ispettur biex tiddiskuti miegħu dwaru.

4.5. Il-Kunsillier Vella staqsa dwar para. 5.4 fejn is-Sindku ppreżentat l-istima għad-dawl li kienet ikkunsidrata raġonevoli u għalhekk iil-Kunsill qabel li jinstalla d-dawl meħtieġ.

4.6. Il-Kunsill kien infurmat li l-Istitut Soċjo Kulturali San Pawl talab li l-Kunsill jikkontribwixxi fl-attività tal-inawgurazzjoni tal-istatwa tal-Markiża Bugeja. Il-Kunsill qabel unanimament li, kemm-il darba l-attività ssir uffiċjalment b'kollaborazzjoni tal-Kunsill il-Kunsill jikkontribwixxi finanzjarjament sa' €200.

4.7. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar xi żviluppi kien hemm fir-rigward ta' para. 5.5. Is-Sindku infurmat li waqt laqgħa mal-Perit Buhagiar, fejn kien preżenti wkoll l-Aġent SE, il-Perit Buhagiar infurmaha li għad fadal numru ta' snin qabel ix-xogħol ikun jista' jibda.

4.8. Is-Sindu rreferiet għall-para. 5.6 fejn infurmat li kienu avviċinawha persuni li lesti jippreparaw applikazzjoni għar-restawr tal-kappella Santwarju ta' San Pawl tal-

Ħġejjeġ. Kien hemm diskussjoni dwar jekk il-Kunsill kellux iżomm mad-deċiżjoni li japplika għar-restawr tal-akwedott jew inkella japplika għar-restawr tal-kappella liema applikazzjoni tiġi mħejjiija mill-istess persuni. Ittieħed vot li għaddha favur li ssir l-applikazzjoni għall-akwedott b'ħamsa favur u tlieta kontra (Bezzina, Galea u Vella). Kien hemm qbil li jippreparaw l-applikazzjoni l-Kunsillieri Tabone u Fenech. Il-Kunsillier A Grima offra li jekk ikun meħtieġ huwa lest li jgħin ukoll.

4.9. Kien hemm qbil ukoll illi, jekk jinstab li se jkun hemm intervent minn entità oħra fuq l-akwedott, it-tieni preferenza teħodha l-kappella.

4.10. Dwar 5.8 is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien ibbenefika minn €600 għal-librerija.

4.11. Dwar 5.9 is-Sindku infurmat li l-Viċi Sindku kien ħejja l-proposti bis-siti indikati. Il-Viċi Sindku ippreżenta l-proposti li kienu jinkludu Burmarrad (fit-triq prinċipali), ix-Xemxija (fejn il-gabbana), il-parkeġġ quddiem il-lukanda Santana u l-Qawra fil-parkeġġ quddiem il-lukanda Bellavista. Il-Kunsillier A Grima appella biex il-Kunsill iżomm ukoll mal-ħsieb imressaq mill-Kunsillier Tabone dwar il-proposta tal-bankini li huma wisgħin.

4.12. Dwar 5.12, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li f'korrispondenza mill-MEPA ingħad li skond id-dokumnetazzjoni mehmuża mal-applikazzjoni PC0036/16 (*Ownership Declaration Form)*, is-sit hu wieħed privat.

4.13. Dwar para 5.13 is-Sindku nfurmat li kienet saret laqgħa mal-Perit Buhagiar li għaliha kienu mistiedna l-kunsilliera. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, l-Aġent Segretaru Eżekuttiv, il-Perit Magri u l-Perit Buhagiar fejn ġiet diskussa l-applikazzjoni għal Service Station f'Burmarrad. Wara din il-laqgża intbagħtu l-punti sabiex jiġu inklużi fl-EPS. Il-Kunsillier A. Grima saħaq li l-Kunsill għandu jkun konsistenti fi kliemu għaliex mhux l-istess kien sar fil-każ tal-iżvilupp tal-Kiabi, faċċata tal-iżvilupp propost.

4.14. Dwar para. 5.16 il-Kunsillier A Grima informa li kien bagħat il-korrispondenza u staqsa lis-Sindku jekk jidhriliex li s-sinjali huma llegali. Is-Sindku wieġbet li ma jidhriliex li għandha tkun hi li tgħid x'inhuma. Il-Kunsillier A Grima talab lill-Kunsill biex ma jħallix illegalità.

4.15. Dwar para. 7.3 is-Sindku infurmat li se jkun hemm laqgħa aktar tard dak inhar stess kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa.

4.16. Dwar para. 7.4 il-Kunsillier A. Grima informa li mhux se jkun possibli li jifforma parti minn bordijiet tal-Kunsill għaliex jidhirlu li dawn qed imorru lil hinn milli tippermetti l-liġi. Is-Sindku spjegat li dak li qed jirreferi għalih hu ma japplikax għal dan il-bord iżda l-kunsillier Grima xorta ma xtaqx jifforma parti minn dan il-bord. F'dan il-ħin is-Sindku staqsiet jekk hemmx kunsilliera mill-Partit Laburista li xtaqu jiffurmaw parti minn dan il-bord iżda ma kienx hemm tweġiba posittiva.

4.17. Dwar il-karnival tas-sajf is-Sindku infurmat li l-attività marret tajjeb ħafna. Irringrazzjat lill-Kunsilliera Anne Fenech u Joseph Vella tal-kontribut tagħhom u Infurmat ukoll li kienu intbagħatu r-ringrazzjamenti lil kull min b'xi mod ikkontribwixxa.

4.18. Dwar para. 10.2 is-Sindku nfurmat li saret laqgħa mal-iskrivana kkonċernata. L-Aġent SE informa li l-iskrivana konċernata kienet infurmatu li tista' tibqa' taħdem

mill-uffiċċju sal-aħħar ta' Awwissu. Informa wkoll li kien wasal f'arranġament biex tagħmel xogħol mid-dar.

4.19. Dwar para. 11 il-Kunsill kien infurmat li qed tiġi kordinata l-laqgħa.

5. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

5.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill wera interess sabiex isiru taħdidiet edukattivi dwar is-saħħa mid-Dipartiment tal-Kura Primarja fil-bini tal-Kunsill.

5.2. Is-Sindku infurmat ukoll li kien hemm komunikazzjoni dwar possibiltajiet ta' ġemellaġġi u proġetti b'fondi Ewropej. Kien hemm stedin mill-Italja filwaqt li l-Kunsill issieħeb fi proġett bl-isem MUNIGATE bejn numru ta' lokalitajiet Ewropej. Din saret permezz ta' kuntatti mal-Federazzjoni Ewropea tas-Segretarji Eżekuttivi UDITE. Il-lead applicant huwa l-Kunsill ta' Geemente Ranst fil-Belgium filwaqt li hemm ukoll sieħba minn Kunsilli minn Spanja, l-Ġermanja, l-Italja u l-Olanda. Dan huwa proġett li jirrigwarda l-immigrazzjoni.

5.3. Is-Sindku infurmat li kellha proposta minn organizzazzjoni privata biex tkun organizzata jum għall-karrieri biex jgħin lir-residenti ta' San Pawl isibu xogħol. Din issir fil-bini tal-Kunsill u l-Kunsill ikun irid jissuplixxi u jqassam materjal ta' pubbliċità għal din l-attività. Din l-attivita' ġa saret f'Kunsill/i oħra u s-Sindku infurmata li kunsilli oħra interessati li jagħmlu din l-attivita'. Hija pproponiet li l-Kunsill jilqa' din il-proposta. Il-Kunsillier A fakkar li fil-Qawra hemm centru ghall-istess ghan, u propona li l-Kunsill l-ewwel għandu jindaga jekk legalment ikunx korrett u jekk ikun korrett allura ma jsibx oġġezzjoni. Is-Sindku però ressqet din il-proposta għall-vot li għaddiet b'sitt voti favur u tnejn kontra.

5.4. Is-Sindku infurmat li kienet qed tagħmel kemm jista' jkun pressjoni mad-Direttur tal-Gvern Lokali biex il-proċess għall-ħatra ta' SE jgħaġġel. Kienet infurmata li n-nominazzjoni tal-Kunsill tressqet għall-attenzjoni tal-PSC, li l-proċess jinsab miexi u jistenna xi firem.

5.5. Is-Sindku ressqet proposti għal żewġ attivitajiet ta' clean-ups bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, waħda fl-10 ta' Settembru u oħra iktar tard (data trid tiġi ikkonfermata). Il-Kunsillier A Grima ippropona li l-Kunsill jitkellem ma' CSD għall-għajnuna. Is-Sindku infurmat li fil-fatt diġa sar dan għall-ewwel attivita'. .

5.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Bird Life Malta dwar tabella ta' informazzjoni biex titwaħħal f'Buġibba bħala parti minn proġett b'fondi Ewropej. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li tinżamm fi stat ta' manutenzjoni tajba u li Bird Life Malta iġġib il-permessi kollha neċessarji.

5.7. Is-Sindku infurmat li kienet avviċinata minn persuna li għamel *mobile app* fuq *heritage trail* tax-xemxija. Din l-app saret bil-lingwa ingliża. Is-Sindku u l-Kunsillier Tabone rrakkomandaw li l-Kunsill jagħti l-*endorsement* tiegħu. Il-Kunsill qabel. Qabel ukoll li l-kunsill għandu jipprovdi l-kitba bil-lingwa Maltija sabiex din tiġi inkluza wkoll fl-app.

5.8. Is-Sindku infurmat li t-tim tal-waterpolo tas-Sirens ta' taħt it-13-il sena kienu c-champions għal din is-sena u pproponiet li għandhom jingħataw rikonoxximent mill-Kunsill għas-suċċess li kisbu. Il-Kunsill qabel.

5.9. Il-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni li kellu informazzjoni li s-Sirens WPC kienu qed jitfgħu xi oġġetti tagħhom fil-latrini.

5.10. Il-Kunsillier Vella ippropona li jitqassam flyer mal-lokalità biex il-Kunsill iħeġġeġ il-parteċipazzjoni fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel.

5.11. Is-Sindku tat informazzjoni dwar enforcement notice fil-Mistra Village. Il-Kunsillier Tabone ġibed l-attenzjoni dwar vent tal-mitħna taħt l-art biex ma ssirlux ħsara waqt l-iżvilupp. Il-Kunsillier D Grima ippropona li tintalab is-sorveljanza mis-Sovratendenza tal-Wirt Kulturali.

## 6. ĦLAS TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI

6.1. L-Aġent SE ressaq l-iskeda tal-pagamenti.

6.2. Il-Kunsillier A Grima ġibed l-attenzjoni għal ammont kbir ta' direct orders.

6.3. Dwar kont numru 500 is-Sindku infurmat li baqa tinġabar xi informazzjoni.

6.4. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar kont numru 506 fejn kien infurmat li dak kien kont sakemm il-kuntrattur kien għadu qed iwettaq is-servizz.

6.5. Il-Kunsillier D Grima ippropona lill-Kunsill biex kemm jista' jkun jinxtraw materjal tat-tindif mingħand wholesalers.

6.6. Il-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni li l-kontijiet ta' W M Environmental qed ikunu għoljin wisq.

6.7. Is-Sindku imbagħad ipproponiet il-ħlas tal-kontijiet u ssekondat il-Kunsillier Fenech.

6.8. L-iskeda ġiet approvata bil-kont numru 500 miżmum b'sitt voti favur u żewġ astensjonijiet (A Grima u Tabone).

## 7. SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA

7.1. F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiża biex il-Kunsill jiddiskuti mas-Sur Joe Fenech Soler ta' Blues Ltd dwar il-kuntratt tar-reklamar fit-toroq. Il-ħin kien it-20:38.

7.2. Waqt il-laqgħa s-Sur Fenech Soler insista li huwa qed jimxi strettament mal-kuntratt u mhu qed jitlob l-ebda ħlas ieħor għajr dak approvat mill-Kunsill. Informa li qed ikollu problema meta jmur biex jiġbor il-ħlas minħabba li allegatament xi ħadd mill-Kunsill kien qiegħed jgħid li l-kuntratt mhux validu. Informa li huwa kien twaqqaf milli jkompli jinstalla u kien għalhekk li għadu ma' ħallasx lill-Kunsill dak dovut. Inġibdet l-attenzjoni li fil-fatt kienu saru installazzjonijiet ta' reklamar madwar il-lokalita'. Informa li kien qiegħed jistenna wkoll li l-Kunsill joħroġlu ittra fejn tikkonferma li huwa awtorizzat li jiġbor il-flus għar-reklamar u li min ma jħallasx ikollu dritt ineħħilu r-reklam.

7.3. Is-Sur Fenech Soler ġie nfurmat li l-Kunsill ma kellux informazzjoni dwar ir-reklamar li ġie installat fil-lokalita'. Hu wiegħed li dik il-ġimgħa stess kien se jipprovdi pjanta bid-dettalji fejn huma installati r-reklami kollha.

7.4. Wara diskussjoni miftuħa is-Sur Fenech Soler kien mitlub jirtira mill-kamra. Il-ħin kien id-21:19.

7.5. Il-Kunsill qabel ukoll li jsejjaħ lis-Sur Nicholas Abela biex jitkellem mal-Kunsill dwar il-problema tal-*fish farms*. Huwa informa li l-informazzjoni kollha tindika li l-problema tat-tniġġiż fiż-żona kienet ġejja mill-fish farms. Madanakollu l-Kunsill qabel li jistenna ftit jiem sakemm joħorġu r-riżultati uffiċjali qabel ma jieħu pożizzjoni.

7.6. Is-Sur Abela imbagħad kien mitlub jirtira mill-kamra. Il-ħin kien id-21:36.

## 8. ĦATRIET FL-AMMINISTRAZZJONI

8.1. Il-Kunsillier A Grima informa li kien qiegħed jirriżenja mill-Bord u spjega r-raġuni fl-email li bagħat.

8.2. Is-Sindku infurmat li fil-bord, li għalih kien preżenti l-Kunsillier A Grima, kien hemm qbil unanimu fuq tliet persuni u għalhekk ma ratx għaliex ħadha b'dak il-mod.

8.3. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord, dan il-proċess jingħalaq u iktar 'il quddiem terġa tinħareġ is-sejħa sabiex jiġu impjegati iktar ħaddiema sal-massimu permess li jimpjega l-Kunsill. Meta għaddiet għall-vot il-Kunsillieri A Grima u Tabone astjenew filwaqt li l-kumplament preżenti vvutaw favur.

8.4. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra ċ-ċirkulari tad-DLG dwar ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li, fin-nuqqas ta' biżżejjed informazzjoni, dan is-suġġett ikun pospost għal laqgħa oħra.

## 9. L-ISTAT TAL-INDAFA FIL-LOKALITÀ

9.1. Is-Sindku tat informazzjoni dwar x'qiegħed isir biex il-Kunsill jikkumbatti l-problema tal-ħmieġ fil-lokalità. Hija infurmat li anki *green wardens* kienu intbagħatu però dawn ma ħallew l-ebda riżultati pożittivi.

9.2. Il-Kunsillier Tabone rrimarka li l-boroż il-griżi se jibdew jinġabru tard u din tista' tkabbar il-problema.

9.3. Il-Viċi Sindku informa li huwa talab li jitressaq dan is-suġġett minħabba li kien hemm Kunsillieri li qed jikkritikaw il-ħidma tal-Kunsill f'dan il-qasam u għalhekk issa għandhom iċ-ċans li jipproponu soluzzjonijiet mal-mejda.

9.4. Il-Kunsillier Tabone ressaq *point of order.*

9.5. Il-Viċi Sindku reġa intervjena u appella biex il-Kunsillieri kollha jaħdmu flimkien għall-ġid tal-lokalità u biex il-politika titħalla għall-kampanja elettorali.

9.6. Il-Kunsillier A Grima fakkar fi proposta li kien ressaq li kien ħadha minn idea ta' Kunsill Lokali fl-Ingilterra li jħaddem sistema ta' CCTV.

9.7. Il-Kunsillier Tabone informa li minn informazzjoni li kellu, biex isir infurzar kif għandu jkun huma meħtieġa ammont sostanzjali ta' fondi li jvarjaw bejn €9K u €12K fis-sena. Informa li fil-passat, bħala Sindku, kien talab sponsor mill-banek iżda ma taw xejn.

9.8. Il-Viċi Sindku staqsa fejn hu t-tort tal-Kunsill.

9.9. Il-Kunsillier Tabone ippropona li jsir appell kollettiv bħala tim wieħed. Huwa ppropona wkoll li għandhom isiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar biex fejn binjiet ġodda jkun hemm daħla fejn jinżamm l-iskart sakemm jinġabar. Ippropona wkoll li ssir insistenza mal-Pulizija biex jassenjaw aktar sorveljanza dwar dan filwaqt li jsir appell ukoll lill-ħwienet biex iqabbdu kuntratturi tagħhom.

10. **TMIEM IL-LAQGĦA**

10.1. Fl-22:00 il-Kunsill qabel il jtemm il-laqgħa.

10.2. Ma kienx hemm deċiżjoni dwar id-data li jmiss ħlief li għandha ssir lejn l-aħħar ta' Settembru. Għalhekk kien hemm qbil li d-data tkun ikkomunikata aktar tard.

**Graziella Galea**
Sindku

**Malcolm Agius**
Segretarju Eżekuttiv

A

B